MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2015

Talba Numru. 632/2012

**Victor Agius**
**ID 375060M**

**Vs**

**Paul Micallef**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-12 ta' Settembru, 2012 fejn l-attur talab peress li l-attur kien propjetarju ta' hammiema tal-giri u li kellha n-numru tac-curkett 08/1046/06 BCH;

Peress li f'incident li sehh nhar is-17 ta' Jannr, 2010, din il-hammiema sfat maqtulha mill-konvenut meta huwa spara illegalment fuqha;

Peress li l-konvenut instab hati quddiem il-Qorti Kriminali ghall-incident imsemmi aktar 'il fuq u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

Peress illi l-attur sofra danni kawza tal-agir illegali u r-reat li kkommetta l-konvenut rapprezentanti l-valur fis-suq tal-hammiema in kwistjoni u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

Peress li ghad-danni sofferti huwa unikament responsabbli l-konvenut;

Peress li l-attur interpella lill-konvenut diversi drabi kemm permezz ta' ittra legali kif ukoll ittra ufficjali sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti minn dan l-incident li sehh fis-17 ta' Jannar, 2010 izda' baqa' inadempjanti;

Ghalhekk l-attur umilment jitlob lil dan it-Tribunal joghgbu:

1. Jiddikjara lill-intimat unikament responsabbli ghall-incident li sehh nhar is-17 ta' Jannar, 2010 fejn huwa spara u qatel il-hammiema tal-giri bin-numru tac-curkett 08/1046/06 BCH;
2. Jiddikjara li l-attur sofra danni kawzati unikament mill-konvenut kosegwenza ta' dan l-incident rapprezentanti l-valur tal-istess hammiema;
3. Jiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur;
4. Jillikwida jekk ikun il-kaz permezz tan-nomina ta' esperti d-danni sofferti mill-attur kagunati mill-incident li sehh nhar is-17 ta' Jannar, 2010, liema danni pretizi l-attur ghall-fini ta' gurisdizzjoni jididkjara li ma jeccedux is-somma ta' tlett elef, erba' mija u erba' u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06);
5. Jordna u jikkundanna lill-konvenut ihallas dak l-ammont hekk likwidat lill-attur fi zmien qasir u perentorju stabbilit mill-istess Tribunal;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet skond il-ligi sad-data tal-pagament effettiv, inkluz l-ispejjez ralattivi mal-ittra legali tat-3 ta' Frar, 2010 (ara Dok A anness) u l-ittra ufficjali datata l-25 ta' Ottubru 2011 (ara Dok B anness) kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat ipprezenta risposta fil-15 ta' Ottubru, 2012 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex il-konvenut mhux responsabbli ghall-ebda danni allegatament sofferti mill-attur;
2. Illi, bla pregudizzju ghas-sueccepit, f'kull kaz l-ammont reklamat huwa eccessiv u ezagerat;
3. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti kollha kontra l-attur;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehed l-attur permezz tal-procedura ta' affidavit fejn spjega kif gara l-incident fejn il-konvenut qatel il-hammiema tal-attur u spjega wkoll ghaliex il-valur ta' din il-hammiema huwa dak mitlub jekk mhux aktar ukoll.

Xehed Daniel Spiteri permezz ta' affidavit fejn spjega illi huwa kien fuq il-post mal-attur meta sehh l-incident u mar mal-attur ikellem lil konvenut li quddiemhom staqrr li l-hammiema hasibha gamiema.

Xehed Joseph Micallef permezz ta' affidavit ukoll fejn qal illi huwa delettant tal-hammiem u ghandu esperjenza ta' 26 sena f'dan id-delizju. Huwa nghata filfatt it-titolu ta' fancier of the year 1989 u jkun hafna barra minn Malta anki ghal auctions tal-hammiem. Ghalhekk ghandu esperjenza bizzejjed biex jivvalura l-hammiema. Qal ukoll illi hu kien ibbridja minn din il-hammiema partikolari.

Illi wara li l-attur talab illi jigi nominat espert biex jevvalwa l-hammiema u dan baqa' mhux notifikat, it-Tribunal ghadda biex jisma l-provi izda provi izjed ma tresqux quddiem it-Tribunal.

It-Tribunal wara li ra l-affidavits ipprezentati u ra d-dokumenti pprezentati huwa konvint illi l-konvenut ghamel hsar fil-propjeta' tal-attur. Jekk hux b'intenzjoni jew le wiehed f'dan l-kaz ma jistax ikun cert madanakollu kaccatur ghandu dejjem ikun cert illi dak li ser jispara fuqha hija tajra legali u li tista' tispara fuqha. Dan m'ghandux jaqbad u jispara ghax kollox jigi f'sekonda jew tnejn, ghaliex wara wiehed ikun irid jiffacja l-konsegwenzi ta' dik is-sekonda jew tnejn.

Dwar il-valutazzjoni t-Tribunal ihoss illi l-esperjenza tax-xhud Joseph Micallef hija wahda li tghati piz l-istima tieghu dwar kemm tiswa l-hammiema. Dan gej mill-fatt illi l-attur ipprezenta diversi certifikati illi juri rizultati tal-hammiema fit-tigrijiet. Ghalhekk it-Tribunal ihoss illi ghandu joqghod fuq dak li qal ix-xhud peress illi l-kliem ta' dan id-dilettant ikkonvinca t-Tribunal dwar l-istima tieghu.

Ghalhekk it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundan l-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef, erba' mija u erba' u disghin Ewro u sitt centezmi (€3,494.06) lil attur bl-imghax mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jithallsu mill-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------